Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – It-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Risposta għall-*Management Letter***

   L-accountant tal-Kunsill, is-Sra Pauliana Said spjegat il-*Management Letter* tal-awditur lill-Kunsill u r-risposta li ppreparat hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill fehem l-*management letter* u qabel mar-risposta li għandha tintbagħat.

3. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 15, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

4. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Konferenza GreenInfranet – Is-Sindku qal li dan is-seminar, mifrux fuq jumejn fil-Grand Hotel, kien wieħed ta' suċċess. Konferma ta' dan kienet il-

korrispondenza li rċieva l-Kunsill mill-parteċipanti barranin għal mod ta' kif ġie organizzat dan is-seminar mil-Kunsill tagħna.

- Problema ta' skart domestiku fit-Triq Lourdes – Il-probabiltà hi li dan l-iskart qed joħroġ mid-Dar Ġużeppa Debono. Għalhekk għandha tinkiteb ittra lis-Sra Maria Debono biex jekk dan hu minnu, l-iskart jibda jinħareġ fit-triq skont il-ħin u l-ġurnata stipulata.
- 30 t'April – laqgħa ma' uffiċjali ta' TM u Arriva, fejn saret diskussjoni ta' kif jista' jiġi aħjar is-servizz tal-Arriva għar-residenti t'Għajnsielem. Attendew għal din il-laqgħa s-Sindku, kunsilliera Peter Caruana u Larry Buttigieg, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Proposta ta' TM hi li r-rotta 303 ma tibqax tgħaddi mir-raħal t'Għajnsielem u minflokk tidħol ir-rotta 323, fejn din tiġi mit-Triq il-Qala, tidħol Triq Simirat, Pjazza Independenza, Triq Chambray, tinżel ix-xatt, tidhol minn Triq Mogħdija, u tgħaddi minn Triq il-Ġnien, u tibqa sejra lejn ir-Rabat. Probabbli din ir-rotta tgħaddi miż-żona tal-Hanżira (fix-Xewkija) mat-triq lejn ir-Rabat. Barra mir-rotta 323, Għajnsielem se jibqa' jgawdi mir-Rottot 301 li tgħaddi minn Triq Mġarr u tmur dirett lejn ir-Rabat, 303, li mix-Xatt, tgħaddi minn Triq St. Antnin u tmur lejn il-Qala, Nadur u lejn ir-Rabat, kif ukoll mir-rotta 322, li mix-Xatt tgħaddi min Triq St. Antnin u tmur lejn in-Nadur, Xagħra u Marsalforn.

  Waqt din il-laqgħa, Larry għadda suġġeriment li tgħaddi *bus* żgħira minn Triq il-Ġnien, Pjazza Madonna ta' Loreto, Triq Fawwara, Triq Ħamri u Triq Gudja u tibqa' sejra diretta għar-Rabat iżda din l-proposta ma tistax tiġi aċċettata peress li mhemmx *buses* biżżejjed.
- Fit-30 t'April – saret laqgħa mal-kuntrattur l-ġdid tal-*street sweeping* fejn ġie spjegat ir-rotot u x'ird jagħmel il-kuntrattur. Is-Sindku qal li jidher li sal-lum ix-xogħol sejjer tajjeb għaliex l-ilmenti tar-residenti naqsu ħafna. Is-Sindku għadda suġġeriment biex tinxtara u titpoġġa speċi ta' kamra zgħira tal-injam fil-parking, ħdejn il-Pjazzetta 10 ta' Diċembru, biex il-kenniesa jpoġġu l-boroż li jkunu ġabru l-iskart fihom, biex b'hekk ma jibqgħux mifruxin madwar ir-raħal. Il-boroz jitpoġġew f'din il-kamra u jinġabru fl-4.00 a.m. – il-Kunsill approva li jsir dan l-infiq.

- Fil-5 ta' Mejju – saret laqgħa fis-sala tal-Kunsill li ġiet organiżżata mill-Akkademja tal-*Football*. Is-Sindku qal li din il-laqgħa kienet interessanti ħafna fejn attendew diversi ġenituri mir-raħal.
- Fis-6 ta' Mejju – laqgħa mal-għaqdiet tar-raħal fis-sala tal-Kunsill, li ġiet organiżżata mill-Malta Council for the Voluntary Sectors. Din il-laqgħa saret apposta biex tispjega lill-NGOs tar-raħal x'benefiċċji tagħti. Servizzi bħal *Public Speaking, Fundraising techniques, Training, legal advice, Comunications and Campaigning*, kif ukoll għajnuna fuq applikazzjoni għal fondi li joħorġu mil-EU u fondi oħra bħal *Good Causes Funds*, fost oħrajn.
- Fid-9 ta' Mejju –*Celebration Day* fl-Iskola Primarja t'Għajnsielem, fejn għaliha attendew is-Sindku u l-Kunsilliera Larry Buttigieg u Peter Caruana.
- Fid-9 ta' Mejju – laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibiltà ta' *speed camera* fit-Triq Mġarr.
- Fil-15 ta' Mejju – saret laqgħa mal-kumitat t' Għajnsielem Football Club fis-sala tal-Kunsill lokali. Għal din il-laqgħa attendew l-membri tal-Kunsill kollu, il-Perit Scerri u l-Perit Godwin, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Din il-laqgħa saret biex ikun hemm qbil bejn il-preżenti rigward iż-żona li għandhom bżonn il-Kumitat tal-*Football* minn Ta' Passi, biex ikun jista' jitkabbar il-grownd, u jiġi *full size*. Sar ftehim bejn kulħadd li l-grownd jiġi 96 metri, jiġifieri l-Kunsill iħalli madwar 8 metri (wara t-30 pied li għad fadal tal-Knisja) mhux żviluppati fil-proġett tar-*Recreational Park f' Ta' Passi*.
- Il-Kunsill irċieva l-kontijiet mill-MEPA fuq it-tlett applikazzjonijiet differenti tal-Proġett tax-Xatt l-Aħmar – il-Kunsill approva li dawn jitħalsu biex ikompli miexi l-proċess tal-permess.
- TM – approvaw applikazzjoni għal *reserved parking* fi-Triq Malta.
- TM – talbu lill-Kunsill biex ineħħi r-*reserved parking* fit-Triq Hamri, li kienet tas-Sur Debattista.
- Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-preżenti li l-applikazzjoni taħt il-*Youth in Action* saret biex il-Kunsill ikun jista' jospita 25 żgħażagħ minn Tolfa f'Awwissu li ġej. Ir-risposta għal din l-applikazjoni għandha toħrog fix-xahar ta' Lulju.

- Kuntratt ġdid mad-Datatrak rigward iċ-ċitazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt – Is-Sindku qara dan il-kuntratt li kien ġie maqbul mis-Sindki fil-lagħqa tar-reġjun għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan jiġi ffirmat.
- *Fun day* fl-Iskola Primarja Għajnsielem – il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-attività li se ssir fl-Iskola stess billi jħallas għal *magician* (€40) biex it-tfal jieħdu aktar pjaċir.
- Is-Segretarju Ezekuttiv informat li għada (22/05/13) hemm is-seduta l-qorti rigward l-vandaliżmu li kien sar fuq il-*bin* fit-23 ta' Diċembru, 2012, fejn hija mitluba li tixhed.
- Talba għal bozza fit-Triq Sant Eliju – ġiet approvata mill-Enemalta.
- *Email* mingħand Stefan Azzopardi, fi ħdan l-Għaqda tal-Armar. Huwa nforma lill-Kunsill li preżentament hemm madwar 46 toqba tal-arbli tal-festa, li maż-żmien jixtiequ li jsiru kollha bil-*covers* biex jitnaqqas il-periklu li jweġġa xi persuna. Il-Kunsill approva li din is-sena jinxtraw 10 *covers* għal dan il-għan.
- *Email* mill-Victims Support Unit fejn jixtiequ jagħmlu laqgħat għall-anzjani li jistgħu jkunu jew huma vittmi ta' serq u abbużi oħra. Il-Kunsill qabel li jsir avviż fuq il-bullettin biex min hu nteressat jinkiteb il-Kunsill.

## 5. Għajn tal-Hasselin

Daħlu xi lmenti minn xi residenti fuq l-appromorta tal-Għajn tal-Hasselin fejn qed jgħidu li din ġiet għolja wisq u wieħed ma jkunx jista jgawdi il-veduta tal-Pjazza. Fil-permess tal-MEPA din ġiet approvata 3 filati mil-bejt 'il fuq , għalkemm il-*case officer* tal-MEPA ried li tinbena fuq 4 filati. Il-MEPA lanqas ma kinetx approvat li jsir *railing* flok appramorta tal-ġebel.

Is-Sindku qed jipproponi li niktbu lil perit Edward Scerri biex tinqala filata oħra u jsir *railing* il-ġewwa mil-appramorta tal-ġebel li minn isfel ma jkunx jidher. Wara diskussjoni bejn il-preżenti fuq jekk għandhiex tinqala filata jew tnejn, il-Kunsill qabel li ssir talba biex tinqala' filata waħda u jsir ir-railing minn ġewwa.

6. **Programm *Europe for Citizens* – Tolfa Arte**

Is-Segretarju Ezekuttiv informat illi l-Kunsill ta' Tolfa rċieva l-approvazzjoni biex jingħataw il-fondi taħt l-programm *Europe for Citizens* biex jospitaw 25–il persuna min Għajnsielem f'Tolfa għal Tolfa Arte. Il-Kunsill iddiskuta ftit lil min jagħżel biex jmur f'dan il-festival, peress li jrid jkollhom xi talent ħalli jippartecipa. Fost il-persuni li ġew diskussi kien hemm: Daphne Xuereb, Edera Nugent, Antonella Grima, Deborah C, Cassar, Vince Caruana, Rudolph Cauchi, Spiru Cauchi, Fredu Scicluna, Toni Galea. Gie deċiz li issir aktar diskussjoni fil-laqgħa li jmiss biex jizdiedu l-parteċipanti. Mill-Kunsill jixtieq jattendi Stephen Mercieca għal dan il-festival. Il-Kunsill approva dan.

7. **Laqgħa ma' Bethlehem f'Għajnsielem**

Is-Segretarju Eżekuttiv informat li ħasret il-laqgħa peress li Franco Ciangura jinsab marid u għal din il-laqgħa kien importanti li jkun kullħadd preżenti. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa tiġi posposta għal nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2013 fis-7.00pm.

8. ***Customer Care***

- Rikjesta għal tabella *no heavy vehicle* fit-Triq Gudja, man naħa tal-*Playing field* - approvata
- *Double yellow line* fit-Triq Filfla – is-Segretarju Ezekuttiv informat illi dawn is-sinjali kienu ġa approvati fit-2010, iżda x'ħin Louis Portelli mar jiżbogħ dawn is-sinjali, is-Sur Joe Vella kien oġġezzjona bil-kbir u ma riedx li jsiru, u għalhekk ma sarux. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn huma aktar meħtieġa li isiru peress li dan l-aħħar saru s-sinjali fuq il-post ta' din iż-żona kif ġew approvati minn TM u jekk dan id-*double yellow line* ma jsirx ser jizdied ħafna periklu għal min ikun niezel minn triq Filfla.

9. **Materi Oħra**

Stephen Mercieca

- Tinġab stima tax-xogħol li hemm bżonn isir fil-ħajt appoġġ mal-Għajn tal-Hasselin, biex jinbaraxx fuq il-fil u jitkaħħal. Il-preżenti qablu li tinġab stima

minn għand l-istess kuntrattur li ħa x-xogħol tal-bini tal-Għajn, Jesmond Xuereb.

- Staqsa jekk tagħmilx differenza li s-Segretarju Eżekuttiv żammet in-numru privat tagħha u qed tużah fuq il-kuntratt tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li ma tagħmel l-ebda differenza anzi dan elimina kull possibiltà ta' tfixkil peress li ħafna mill-kuntratturi u dipartimenti diġà kellhom in-numru tagħha. Stephen staqsa ukoll jekk l-infiq tal-mobile huwiex ġustifikat bit-tnaqqis mill-kontijiet tal-linja fissa. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbet li min rapport tas-sage ta' tliet xhur jidher ċar li l-kontijiet tal-linji fissi naqsu b'madwar €200, filwaqt li se tkompli tara kif dawn l-ispejjez ikomplu jonqsu. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-kuntratt tal-mobile qed jgħin lis-Segretarju Ezekuttiv tkun aktar effiċjenti f'xogħla u, għalkemm hemm żieda relattivament minima, wieħed irid jikkunsidra li kuntratt tal-mobile mhux intiż biss għat-telefonati imma biex jinżamm kuntatt saħansitra permezz tal-email u internet u għalhekk jiffaċilità u jagħmel akar effiċjenti kull tip ta' komunikazzjoni.
- Staqsa għax ma nġabarx il-ħaxix li nqata' fi-Triq Wied Martin. Is-Sindku qal li kien fadal xi ftit ħaxix ieħor biex jinqata u wara l-ħaddiem Pawlu ser jieħdu hu stess għal bhejjem tiegħu.

Francis Cauchi

- Informa lill-preżenti li l-*pegeant* li sar fl-Għid sewa` lill-Kunsill madwar €700 Dan għaliex hu sar jaf riċentament li biex inqalgħu u twaħħlu l-fanali ta' quddiem il-Knisja fi Pjazza Indipendenza, kif kien mitlub mil-Għaqda Drammatika, l-ispiza tal-kuntrattur kienet ta' €267. Barra minn hekk, wara li l-Kunsill qed jagħmel dak kollu li jista' biex jgħin lill-għaqdiet, uħud minn dawn l-għaqdiet l-anqas biss jindenjaw ruħhom li jiktbu lill-Kunsill bħala ringrazzjament u apprezzament tal-kollaborazzjoni li l-Kunsill ikun għamel ma dawn l-għaqdiet.
- Peter Caruana qabel tas-Sindku u qal li huwa ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġ l-flus u fuq kollox ma jiġix rikonuxxut għall-attivita`.

Il-Kunsill qabel li dawn l-ispejjeż żejda li jinqalgħu u jerġgħu jeħlu l-fanali fuq iz-zuntier ma jsirux fil-futur u jikkonsidra t-talba ta' kollaborazzjoni għal din l-attivita għas-sena d-dieħla.

Talba għal bozza fit-Triq Cordina – Il-Kunsill approva li ssir it-talba mal-Enemalta.

- Twaħħil ta' mera fit-Triq Mgarr quddiem it-Triq Lelluxa – il-Kunsill approva li din issir.

Larry Buttigieg

- Triq ix-Xatt l-Aħmar – hemm periklu fit-triq fil-parti ta' fuq , peress li inkiser xi ftit *cement* u b'hekk inħoloq periklu bid-dizlivel. Il-Kunsill qabel li titqatta' metru fuq kull naħa tad-diżlivell bil-fond ta' pied u jsir konkos ġdid.
- *Slipway* tal-injam fix-Xatt l-Aħmar – is-Sindku qal li dawn jinsabu fl-i*store* tal-Kunsill u se jwaħluhom il-ħaddiema tal-Kunsill.
- Tabelli fix-Xatt l-Aħmar li juru *"No camping"* – is-Sindku qal li dawn lesti u se jieħu ħsieb li jeħlu flimkien ma zewġ tabelli oħra ( rock falls ) fi ftit jiem oħra.
- Tindaf il-bankina fil-Pjazza Independenza – il-Kunsill qabel li jinxtara xi tip ta' *acido* biex tintogħrok il-bankina mill-ħaddiema tal-Kunsill, u wara tinħasel b'bowżer ilma zgħir.
- Staqsa jekk nistgħux niċċekjaw mal-MEPA fuq x'permess hemm bżonn biex jiġu nstallati *information panels* fuq dak il-*heritage trail* f' Kemmuna – is-Segretarju Ezekuttiv għandha tieħu ħsieb tiċċekja mal-MEPA.
- Preżentazzjoni tat-*trophies* wara t-*tournament* tal-isnooker – se javza lis-Segretarju Ezekuttiv biex wara din tinforma lill-kunsilliera meta se tkun.
- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – is-Segratarju Ezekuttiv spjeġat li għadha qed tistenna mingħand l-kuntrattur, Richard Cauchi li ssir it-trinka.

Peter Caruana

- Fanali fil-playingfield tal-Gudja għadhom ma jixgħelux – is-Sindku ċempel dak il-ħin lill-kuntrattur Richard Cauchi.

- Kummenti tar-residenti fuq it-*traffic management* fiż-żona tal-Gudja – jidher li kuntenti biha.
- Bozza fit-Triq Cordina PL 2. – ilha ma tixgħel u ġiet irrapportata diversi drabi mill-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li huwa ċempel lill-Enġiniera tal-Enemalta biex tibgħat lil min jirranġaha.
- Hajt f'"Ta' Passi ħdejn il-passaġġ t'isfel – hu perikuluż għandu bżonn jinbnew 2 filati kantuni – il-Kunsill qabel ma dan.
- Żvilupp fuq il-Belvedere fit-Triq Hamri– is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-perit lesta l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF iżda qabel jixħet l-applikazzjoni lill-MEPA kien għadu qed jistenna l-istima tad-dwal minn għand l-Enġinier.
- Nitolbu għal stima għal-bandla tat-tfal u żurżiqa fil-*playing field* Father Ben Hersey – is-Segretarju Ezekuttiv għandha tieħu ħsieb dan.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis, 20 t'Gunju fis-3.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv